# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 317/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Iliyana Kirilova Ilieva**

**u**

**Genoveva Stoilova**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2018

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Iliyana Ilieva detentrici ta' numru ta' dokument Bulgaru 644804117 u Genoveva Stoilova detentrici ta' numru ta' dokument Bulgaru 64657579 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmula minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi bi ksur ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:-

1. Nhar l-20 ta' Gunju 2018, ghall-habta ta' nofs inhar minn gewwa l-istabbiliment 'Darmanin Footwear', Triq it-Torri, Sliema, ikkommettew serq, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur jaccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaccediex is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Sylvana Saliba u/jew xi persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Nhar il-21 ta' Gunju 2018 ghall-habta ta' nofsinhar minn gewwa l-istabbiliment 'The Point', Sliema ikkommettew serq liema serq ma jaccediex is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-detriment ta' Josephine Vella u/jew xi persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Lulju, 2018 li biha fuq ammissjoni sabet lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ikkundannathom hames xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Lulju, 2018, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti joghgobha;

1. Tikkonferma is-sentenza appellata *ommisis* fil-parti fejn sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi dedotti kontrihom izda thassar, tikkancella u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat l-

imputati ghal piena karcerarja effettiva ta' hames (5) xhur u konsegwentement

2. Tilqa' l-Ewwel u/jew it-Tieni Aggravji tal-appellanti u konsegwentement teroga piena aktar idoneja billi tapplika id-dispozittivi tal-Art. 21 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u teroga piena ta' sentenza karcerarja sospiza sa sentejn, wara li tnaqqas il-perjodu kollu ta' arrest preventiv skontat mill-appellanti;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghat-Tieni Talba, fin-nuqqas li tintlaqa' it-Tieni talba tal-appellanti, tordna li l-appellanti ikomplu jiskontaw il-bqija tas-sentenza taghhom gewwa l-Isptar Mater Dei ghal kura pre-natali taghhom u dana kif sanciti skond Reg. 38(1) tal-A.L. 118 tal-1995 kif emendat (L.S. 206.03 – Regolamenti tal-Habs);

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellanti u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Qabel kull kunsiderazzjoni ohra din il-Qorti opportunement tfakkar li huwa perikoluz li wiehed jitbieghed mid-dicitura semplici u prattika ta' dak ravvizat fl-artikolu 419 (1)(c) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li r-rikors tal-appell ghandu jkun fih talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza. L-appellanti ghazlu, minflok, li jinoltraw f'talbiet konfuzjonarji inutilment;

2. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti u l-appellanti jressqu zewg gravami li frankament jistghu jitqiesu bhala wiehed li jitratta dwar piena barra mill-parametri tal-ligi u n-nuqqas tal-ewwel Qorti li tgharaf tapplika l-artikolu 21 u 28A tal-Kodici Kriminali;

3. Illi kif wisq drabi ritenut minn din il-Qorti, f'materja ta' appell dwar il-piena, ma huwiex normali li din tkun sindikata bil-ghan li tkun disturbata id-diskrezzjoni fdata f'idejn l-ewwel Qorti kemm il-darba ikun li l-piena erogata kienet fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt kominata. Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015. Anqas ma wiehed ghandu jistenna xi riduzzjoni fil-piena b'mod awtomatiku ghaliex ikun hemm ammissjoni bikrija: Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi – Qorti Kriminali 24.2.1997; Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri App Krim 5.7.2002 u Pulizija vs Emmanuel Testa App Krim 17.7.2002 u Repubblika vs Edward Arthur Story – Qorti Krimiali 6.1.2016. Huwa minn din l-ottika ta' principji affermati li din il-Qorti ser tezami l-argumenti tal-appellanti;

4. Fl-ewwel argument taghhom, l-appellanti isostnu li l-ewwel Qorti erogat piena li mhix fil-parametri tal-ligi meta applikat l-artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali minflok l-artikolu 337(3) bil-konsegwenza ta' piena harxa, severa u eccessiva. Ezaminati l-atti, jemergi illi l-imputati raddew is-somma ta' €300 lill-Uffccjal Prosekutur waqt l-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 quddiem l-ewwel Qorti. Dik kienet it-tieni seduta fl-*iter* processwali ghaliex l-ewwel seduta kienet fit-23 ta' Gunju 2018 fejn l-imputati, waqt l-ezami

taghhom ai termini tal-artikoli 370(4) u 392 tal-Kapitolu 9 wiegbu mhux hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom;

5. Fit-termini tal-artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali, il-piena titnaqqas b'zewg gradi kemm il-darba il-"*hati … jikkonsenja lill-awtorita' kompetenti l-proprjeta' kollha misruqa minnu* " qabel ma jitressaq quddiem il-Qorti f'konnessjoni ma' dak is-serq. Issa la darba l-atti juru li r-rifuzzjoni sehhet fit-tieni seduta ifisser biss illi kienu gia inizzjati l-proceduri quddiem il-Qorti. Bid-dikjarazzjoni taghhom fl-ewwel udjenza li ma kienux hatja , huwa difficcli tifhem kif qatt setghu raddu lura l-oggetti misruqa, f'dan il-kaz il-valur tal-oggetti, fi stadju antecedenti l-proceduri gudizzjarji,. jekk wiegbu mhux hatja;

6. Ir-radd lura tal-haga wara l-inizzju tal-proceduri gudizzzjari jista' jgib mieghu riduzzjoni tal-piena bi grad ex artikolu 337(3), izda, kontra dak ravvizat fl-artikolu 337(2), dan it-tnaqqis huwa diskrezzjonali f'idejn il-Qorti. L-appellanti ghalhekk m' ghandhomx ragun in rigward minkejja li l-ewwel Qorti spjegat dan kollu fis-sentenza taghha izda l-appellanti donnhom ma fehemux l-elementi tal-artikolu 337(3);

7. Fit-tieni argument taghhom, paragrafu 9 tar-rikors, l-appellanti, donnhom qed jghidu li l-ewwel Qorti kellha tqis ir-rifuzzjoni bhala kwalifikanti ghall-beneficcju tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Bid-dovut rigward, din il-Qorti ma tistax tifhem xi jridu jghidu l-appellanti meta jiddikjaraw li l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 337(2). L-ewwel Qorti qalet li dan l-artikolu ma kienx applikabbli. Inoltre, l-artikolu 337(5) jiddisponi li anke fil-kaz ta' rifuzzjoni qabel proceduri quddiem il-Qorti dawn ma ghandhomx jitqiesu bhala ragunijiet specjali jew straordinarji ghall-finijiet tal-artikolu 21 liema artikolu jipprovdi ghall-tnaqqis fil-piena taht il-minimu stabilit;

8. Kwantu it-tielet argument ravvizat fl-ghaxar u il-hdax-il paragrafu tar-rikors tal-appell, dan qed ikun michud ghaliex una

volta stabbilit li r-rifuzzjoni sehhet wara l-inizzju tal-proceduri, it-tnaqqis fil-piena bi grad kienet wahda diskrezzjonali fuq il-Qorti u mhux wiehed tassattiv kif qed jahsbu l-appellanti;

9. Lanaqs ma taqbel din il-Qorti mar-ragunament tal-appellanti li meta din tghazel fid-diskrezzjoni taghha li ma taghmilx riduzzjoni fil-piena ghandha taghti spjegazzjoni dettaljata tal-motivazzjoni taghha. Fejn il-ligi trid li tinghata motivazzjoni dan tghidu b'mod car u tond. L-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali jitlob tali spjegazzjoni meta il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi specjali __u__ straordinarji biex tinzel taht il-minimu stabbilit. Izda fil-kwistjoni odjerna, il-legislatur ta diskrezzjoni assoluta lill-Qorti biex tghazel hi jekk tnaqqas il-piena bi grad jew le u ma rabatx lill-Qorti bl-obbligu kif erronjament interpretat mill-appellanti;

10. Fit-tieni aggravju taghhom, l-appellanti jergghu jtennu li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tac-cirkostanzi kollha tal-kaz meta erogat piena karcerarja minflok applikat l-artikolu 21 u 28A tal-Kap 9. L-appellanti ihossu li l-istat ta' gravidanza li t-tnejn jinsabu fih kellha tiskansahom minn piena karcerarja effettiva u jargumentaw illi ikun difficcli fl-istat taghhom li jikkommettu reat iehor li kieku inghataw sentenza sospiza aktar u aktar wara li jitwieldu uliedhom ghaliex ikunu jridu jiehdu hsieb taghhom;

11. Din il-Qorti ma taqbel mal-ebda wiehed minn dawn l-argumenti. Stat ta' tqala ma huwiex raguni *specjali __u__ straordinarja* li jikwalifika ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali meta s-serq aggravat li bih huma imputati l-appellanti sehh proprju waqt il-gravidanza taghhom u possibilment taht il-velu tal-istess gravidanza. Il-kritika diretta lejn l-ewwel Qorti ghar-rigward tal-piena erogata hija wahda ingusta u ma timmeritax li tkun akkolta. L-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha ghaliex kienet qed tinponi piena karcerarja. Spjegat kif l-artikolu 337(2) tal-Kapitolu 9 ma kienx applikabbli; li kienet fil-pjena dritt li

zzid il-piena b'zewg gradi ai termini tal-artikolu 18 izda ghazlet li ma tghamilx dan u minflok li teroga piena fil-minimu taghha ghal-reat li jgib mieghu prigunerija minn hames xhur sa tlett snin (mizjud b'zewg gradi, dan ir-reat kien soggett ghall-piena minima ta' disa xhur u dik massima ta' hames snin) u dan meta, tkompli s-sentenza, huma gew f'Malta ghal ftit granet bi ftit flus kontanti minghajr ma pprenotaw lukanda tant li kienu jorqdu f'xi spjagga;

12. L-appellanti jargumentaw inoltre, illi l-habs ma huwiex il-post idoneu ghal-nisa fi stat ta' tqala u li dan kien konfermat f'korrispondenza mad-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Din il-Qorti qrat akkuratament id-dokumenti li l-appellanti ezebew mar-rikors tal-appell taghhom, minghajr l-awtorizzazzjoni preventiva tal-istess Qorti u ghalhekk kontra dak li jipprovdi l-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali. Minkejja dan, il-Qorti awtorizzat xorta wahda l-introduzzjoni ta' dawn il-provi fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz. Minn din il-korrispondenza tirrizulta l-oppost ta' dak li jallegaw l-appellanti kif ukoll traskrizzjoni ta' telefonata li tghid li hi bejn id-Direttur tal-Habs u d-difensur tal-appellanti li din il-Qorti mhix ser tinoltre dwarha ghar-ragunijiet ben ovvji;

13. L-istess ser jinghad dwar l-argument registrat fil-paragrafu 24 tar-rikors tal-appell meta l-appellanti jallegaw illi kienu mgieghla jiffirmaw dikjarazzjoni bl-ilsien Ingliz li biha astjenew mid-dritt li jkomplu iservu s-sentenza ta' prigunerija gewwa pajjizhom u dawn b'theddid, ghajjat u tattici ta' intimidazzjoni. Dwar dan ma ngiebet ebda prova u lanqas saret talba sabiex tingieb prova u ghalhekk ma tistax din il-Qorti tinoltre fuq dikjarazzjonijiet bhala raguni ghaliex l-appellanti ghandhom jinghataw sentenza alternattiva ghal dik karcerarja;

14. Illi ghalhekk l-ewwel u t-tieni talba qed ikunu michuda;

15. Kwantu t-tielet talba sabiex ikun ordnat li l-appellanti ikomplu jiskontaw il-bqija tas-sentenza taghhom gewwa l-Isptar Mater Dei ai termini tal-LS 206.03 [*recte:* 260.03], huwa d-dmir tad-

Direttur tal-Habs li jipprovdi dik l-assistenza medika, b'mod partikolari ghal-nisa fi stat ta' tqala kif ravvizat fir-regolament 38 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03, hekk u meta jkun il-kaz u naturalment bl-assistenza u dianjozi u pariri tat-tobba medici adetti fl-istess facilita. Din it-talba ghalhekk qed tkun ukoll michuda;

16. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud b'dan illi il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jippresta dik l-ghajnuna mehtiega lill-appellanti ghall-istat partikolari taghhom.